

# Kemm Nixtieq!

Ġanni Camilleri

Kemm nixtieq narak bħal dari
Raħal ċkejken bi ftit nies!
Konna lkoll qaqoċċa waħda
Kull filgħodu għall-quddies.

Kemm nixtieq nara l-għelieqi
Maħdumin mill-Melleħin,
Min bl-imgħażqa jew b'lexxuna,
Mill-ħaxix kollha mnaddfin!

Kemm nixtieq nara l-imrieħel
Jirgħu qalb pjanuri ndaf,
Bir-ragħaj magħhom jindokrahom
U isimhom ilkoll jaf!

Kemm nixtieq nara l-familja
B'dawk it-tfal jilagħbu tard,
Filgħaxija wkoll jitolbu
Speċjalment fejn kien hemm mard!

U fejn huma d-djar ta' dari?
Għalkemm żgħar, kellhom il-kenn,
Mill-perikli li hawn fostna
Bogħod mill-ħsejjes u mill-ġenn.

Ħafna nies kienu bla skola
Ftit li xejn kienu jaqraw,
Iżda l-paċi kienet f'qalbhom
Jgħinu 'l min batut jaraw.

Kemm nixtieq inħoss il-paċi
Li gawdew il-Melleħin!
Għax minkejja l-ħajja sempliċi
Kienu dejjem ferħanin.

Il-familja llum qed tbati
Għax ftit ħin tagħti 'l Mulej,
Biex titkellem miegħu u tfaħħru
Għax kull m'għandha, minnu ġej.

Għax x'jiswew id-djar lussużi
Fejn il-paċi u l-ferħ neqsin?
Mhux aħjar tgħix ġewwa girna
Bogħod mill-ħsejjes, mill-ħażin.

**Evergreen**

*New Discount Mini Market* – under new Management

**Triq Napuljun Caruana Dingli • Tel: 2152 2738**

**Free Delivery**

**Ħinijiet tal-Ftuħ:** Kuljum mis-6.00am sas-6.00pm ma nagħlqu xejn. Fis-Sajf mis-6.00am sas-1.00pm u mit-3.30pm sas-6.00pm. L-Erbgħa mis-6.00am sas-1.00pm u s-Sibt mis-6.00am sas-2.00pm. Ħanut fejn il-mara tad-dar issib kollox bl-irħas prezzijiet